# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM’AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Illum il-25 t’Ottubru, 2016.**

**Rikors Numru 1069/2015 SM**

**Michele Muscat**
**(K.I. 396268M)**

**vs.**

**Errol Cassar (K.I. 153744M),**
**Voilet Cassar (K.I. 942745M) u**
**Noel Mifsud (K.I. 550574M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat it-12 ta’ Novembru, 2015, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikata sintetikament esponiet is- segwenti:

1.1. Illi ghandha kirja tal-avvjament u tan-negozju bl-isem *La Vela Restaurant* il-Marina tal-Imsida, ix-Xatt ta’ l-Imsida, tal-Pieta`;

1.2. Illi l-kirja *de quo* tkopri wkoll makkinarju, impjant, attrezzaturi, ghamara u utensili konnessi mal-istess negozju, u huma elenkati f'inventarju anness mal-istess kirja;

1.3. Illi maz-zmien kompliet izzid mal-istess oggetti indikati fil-paragrafu precedenti b'investiment taghha stess;

1.4. Illi fit-22 ta' Settembru, 2014, gie fl-assenza taghha, servut mandat ta' qbid kawtelatorju numru 1943/14 f'idejn l-intimat Noel Mifsud li kien fir-*restaurant* fuq indikat, liema mandat kellu indikat l-istess *restaurant* ghall-finijiet tal-esekuzzjoni tieghu *nonostante* li l-istess *restaurant* hu fil-pussess esklussiv tar-rikorrenti, (ara foll 5);

1.5. Illi l-imsemmi intimat Noel Mifsud irrifjuta l-esekuzzjoni tal-istess mandat billi spjega li l-istess *restaurant* kien mikri lir-rikorrenti, (ara foll 9);

1.6. Illi permezz ta' digriet datat it-23 ta' Settembru, 2014, il-qorti kkoncernata ordnat lill-marixxalli ezekutanti jergghu jeccedu fl-istess fond fuq indikat biex jezegwixxu l-mandat *de* quo, (ara foll 10);

1.7. Illi in vista tal-istess, il-mandat in dizamina gie ezegwit fit-30 ta' Settembru, 2014, (ara foll 11);

1.8. Illi fit-2 t'Ottubru, 2014, ir-rikorrenti resqet talba appozita biex twaqqaf l-esekuzzjoni tal-istess mandat;

1.9. Illi wara li semghet lill-partijiet, il-qorti in dizamina ddekretat li l-proceduri istitwiti mir-rikorrenti kienu irriti u nulli *stante* li t-talba in dizamina ma kelliex tkun biex "twaqqaf" l-esekuzzjoni tal-istess, izda ghar-"revoka" tal-mandat;

1.10. Illi mandat ta' qbid m'ghandux jolqot oggetti li huma proprjeta` ta' terzi, li fil-kaz odjern jappartjenu lir-rikorrenti *stante* li l-oggetti elenkati fil-lista tal-oggetti maqbuda mill-marixxalli huma proprjeta` esklussiva tar-rikorrenti u mhux tad-debitur indikat fil-mandat *de quo* – Noel Mifsud, (ara rispettivament foll 11 u foll 5);

1.11. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ghandha kull interess li tipprotegi hwejjigha skont il-ligi li allura m'humiex kolpiti bil-mandat in dizamina;

1.12. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimati jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.12.1. Tallega l-atti tal-process quddiem il-***Qorti tal-Magistrati*** fl-ismijiet ***Errol Cassar u Violet Cassar vs. Noel Mifsud***, Avviz Numru 331/2014, fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Numru 1943/14 fl-ismijiet ***Errol Cassar u Violet Cassar vs. Noel Mifsud***;

1.12.2. Prevja dikjarazzjoni li l-oggetti maqbuda m'humiex proprjeta` tal-imsemmi intimat Noel Mifsud izda huma proprjeta` esklussiva tar-rikorrenti u ghalhekk m'ghandhomx jigu kolpiti bl-effetti tal-imsemmi mandat ta' qbid;

1.12.3. Tirrevoka l-mandat kawtelatorju in dizamina;

1.12.4. Tirrevoka l-esekuzzjoni tal-mandat ta` qbid *de quo*, numru 1943/14 fuq gia` riferit;

1.12.5. Tordna r-rilaxx tal-oggetti hekk maqbuda favur ir-rikorrenti;

1.12.6. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-2 ta' Frar, 2016, li permezz taghha l-intimati Errol u Violet Cassar sintetikament irrispondew bil-mod segwenti: (ara foll 18)

2.1. Illi preliminarjament din il-qorti mhix kompetenti *ratione materiae stante* li l-procedura tirrigwarda att kawtelatorju mahrug mill-Qorti tal-Magistrati;

2.2. Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghall-paragrafu precedenti, t-talbiet tar-rikorrenti huma rregolari u rritwali *stante* li:

2.2.1. Min-naha wahda qed tintalab ir-revoka tal-mandat in dizamina; u

2.2.2. Min-naha l-ohra qed tintalab ir-revoka tal-esekuzzjoni tal-istess;

2.3. Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, r-rikorrenti m'ghandiex interess guridiku biex tirrevoka l-mandat in kwistjoni *stante* li dan ir-rimedju hu applikabbli biss lill-persuna li kontriha inhareg il-mandat *de quo*;

2.4. Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti *stante* li jirrigwardaw mertu gia` dikjarat ezawrit mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-23 t'April, 2015, (ara foll 27), u ghalhekk, l-istess proceduri jmorru kontra l-principju ta' *ne bis in idem*;

3. Rat id-digriet taghha datat is-7 t'April, 2016, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw dawn l-ewwel erbgha (4) eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati, (ara foll 53);

4. Illi a skans ta' dilungar inutili tiddikjara ghalhekk li din hi sentenza preliminari limitata ghall-epurazzjoni tal-erbgha (4) eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati konjugi Cassar;

5. Rat il-verbal datat l-24 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu jirrizulta li l-intimat Noel Mifsud qieghed fi stat ta' kontumacja, (ara foll 52);

6. Rat id-digriet taghha datat is-7 t'April, 2016, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess partijiet kollha involuti biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 53);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati konjugi Cassar datata t-28 t'April, 2016, (ara foll 54), flimkien ma dik tar-rikorrenti datata s-26 ta' Mejju, 2016, (ara foll 58);

8. Tirrileva u tissottolinea li l-intimat Noel Mifsud jirrizulta li ghalkemm kellu wkoll l-opportunita` jissottometti s-sottomissjonijiet tieghu *ai termini* tal-artiklu 170(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, biex jattakka l-procedimenti maghmula mir-rikorrenti, ghazel li ma jaghmel xejn minn dan;

9. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

10. Ezaminat id-dokumenti rilevanti ghall-vertenza preliminari odjerna;

Ikkunsidrat:

11. Illi kif rilevat precedentement, (ara paragrafu numru tlieta (3.), aktar qabel), id-decizjoni odjerna hi limitata ghall-epurazzjoni tal-erbgha (4) risposti preliminari sollevati mill-intimati konjugi Cassar senjatament:

11.1. ***In-Nuqqas ta' Kompetenza ta' din il-Qorti***, (ara l-Kap immarkat bl-ittra A aktar lura);

11.2. ***L-Irregolarita` u l-Irritwalita` tal-Procedura Odjerna***, (ara l-Kap immarkat bl-ittra B aktar lura);

11.3. ***In-nuqqas t'Interess Guridiku tar-Rikorrenti***, (ara l-Kap immarkat bl-ittra C aktar lura);

11.4. ***Il-Principju tan-Ne Bis in Idem***, (ara l-Kap immarkat bl-ittra D aktar lura);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi qabel ma jigu epurati l-eccezzjonijiet preliminari elenkati fil-paragrafu precedenti jirrizulta ghaqli li jigu rinkwadrati l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna - liema fatti jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

12.1. Illi l-mertu jirrigwarda l-mandat ta' qbid kawtelatorju fl-ismijiet Cassar et vs. Mifsud, mahrug mill-Qorti tal-

Magistrati (Malta), datat it-18 ta' Settembru, 2014, u li jgib in-numru 1943/14, (ara foll 5);

12.2. Illi in forza tas-sentenza finali tal-***Qorti tal-Appell*** (***Kompetenza Inferjuri***), fl-ismijiet ***Cassar et vs. Mifsud***, datata t-***13 ta' Jannar, 2016***, Appell Numru 72/2014, (ara foll 45), l-intimati odjerni Errol u Violet Cassar kienu ikkanonizzat bhala kredituri ta' Noel Mifsud;

12.3. Illi l-mandat mahrug kif indikat fil-paragrafu immedjatament precedenti ghal dak ta' qabel dan, gie ezegwit fit-22 ta' Settembru, 2014, (ara foll 9);

12.4. Illi l-istess mandat kien ezegwit fuq l-oggetti elenkati fil-lista tal-marixxall, liema oggetti kienu fil-fond *La Vela Restaurant* li sa fejn kienu jafu l-konjugi Cassar fuq indikati l-istess *restaurant* kien gestit mill-imsemmi Noel Mifsud, (ara foll 11);

12.5. Illi meta l-marixxall involut mar jezegwixxi l-ordni relattiva tal-qorti *de quo* l-istess Noel Mifsud oggezzjona ghal tali ezekuzzjoni *stante* li irritjena li l-oggetti misjuba fil-fond indikat ma kienux proprjeta` tieghu izda kienu l-proprjeta` esklussiva tar-rikorrenti odjerna Michele Muscat;

12.6. Illi ghalkemm l-istess rikorrenti odjerna inizzjat procedura appozita biex ghalhekk jigu revokati l-mandat ta' qbid kawtelatorju *de quo*, u l-esekuzzjoni tieghu, l-qorti kkoncernata ordnat lill-marixxalli ezekutanti biex jergghu jeccedu fl-istess fond involut u jezegwixxu l-mandat in dizamina, (ara foll 10);

12.7. Illi in vista tal-eskuzzjoni hekk issa ezegwita, r-rikorrenti kienet kostretta tipprocedi bil-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

13. Illi in vista tal-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati konjugi Cassar, hu issa ghaqli li jigu epurati l-istess eccezzjonijiet kronologikament;

Ikkunsidrat:

**A. In-Nuqqas ta' Kompetenza ta' Din il-Qorti**:

14. Illi in sostenn ta' din l-ewwel eccezzjoni preliminari, l-intimati Cassar isosstnu sintetikament li t-talba tar-rikorrenti biex jigi revokat il-mandat ta' qbid in dizamina, kellha ssir permezz ta' rikorsipprezentat eskussivament fl-atti tal-kawza li ordnat l-istess hrug ta' tali mandat;

15. Illi l-artiklu 836(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jitfa` dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-vertenza in dizamina u jistabbilixxi s-segwenti:

> "(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht il-Kodici jew kull ligi ohra, ***l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih*** jista` jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollow jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin..."

16. Illi in vista tal-artiklu riferit fil-paragrafu precedenti ghandu jkun pacifiku li biex wiehed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' qbid kawtelatorju dan jinhtieg li jintalab mill-"**l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih**", u hu f'dan il-kaz biss li tali talba ghar-revoka *de quo* tinhtieg li ssir mill-***istess intimat*** u dan, li kontra tieghu jkun inhareg il-mandat *de quo*, fl-istess atti tal-istess procedura;

Ikkunsidrat:

17. Illi jirrizulta li l-kawza odjerna hi intavolata mir-rikorrenti Michele Muscat li ma tiffigurax bhala intimata fil-mandat ta' qbid kawtelatorju in dizamina *stante* li l-intimat fl-istess att kien Noel Mifsud biss, (ara foll 5);

18. Illi *di piu`*, jirrizulta li l-istess rikorrenti odjerna Muscat qed tallega li hi l-proprjetarja tal-oggetti maqbuda permezz tal-ezekuzzjoni naxxenti mill-istess mandat in kwistjoni u li ghalhekk, l-intimat Noel Mifsud allegatament m'ghandu l-ebda relazzjoni fir-rigward tal-istess oggetti;

19. Illi ghalhekk, il-procedura kkontemplata fl-artiklu 836 fuq riferita, (ara paragrafu numru hmistax, (15.), aktar qabel), ma tapplikax ghall-fattispeci partikolari rizultanti fil-procedura odjerna;

20. Illi in effetti, jirrizulta ghalhekk li l-procedura m'hi xejn hlief procedura semplici naxxenti permezz ta' rikors guramentat istitwit taht l-artiklu 156 tal-Kap 12 tal-istess Ligijiet fuq riferiti li hi l-procedura komuni li permezz taghha jigu istitwiti proceduri normali fil-qrati gudizzjarji civili;

21. Illi ghalhekk, din l-ewwel eccezzjoni preliminari ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

**B. L-Irregolarita` u l-Irritwalita` tal-Procedura Odjerna:**

22.0. Illi l-bazi ta' din l-eccezzjoni prelimiari dupplici tal-intimati fuq riferiti hi l-allegazzjoni tal-konjugi Cassar li f'din il-procedura r-rikorrenti:

22.1. Filwaqt li qed titlob ir-***revoka tal-mandat kawtelatorju in dizamina***;

22.2. Qeghda wkoll titlob ir-***revoka tal-esekuzzjoni tal-istess mandat***;

23.0. Illi ghal dak li jirrigwarda t-talba tar-rikorrenti ghar-***revoka tal-mandat*** ta' qbid kawtelatorju numru 1943/14 jinghad sintetikament is-segwenti:

23.1. Illi dan jirrizulta li hu mandat regolarment rilaxxat skont il-ligi;

23.2. Illi konsegwentement l-istess mandat mhux null fih innifsu;

23.3. Illi ghalhekk din it-talba partikolari tar-rikorrenti ma tistax tigi akkolta;

24.0. Illi ghal dak li jirrigwarda t-talba tar-rikorrenti ghar-***revoka tal-esekuzzjoni*** tal-mandat ta' qbid kawtelatorju *de quo* jinghad sintetikament is-segwenti:

24.1. Illi din it-talba partikolari qed tintalab ghaliex qed jigi allegat li l-oggetti maqbuda bil-mandat in dizamina m'humiex il-proprjeta` tal-persuna kolpita fl-istess mandat in dizamina, senjatament Noel Mifsud, izda huma l-proprjeta` tar-rikorrenti odjerna Michelle Muscat;

24.2. Illi ghalhekk hija din il-kawzali li trid tigi determinata minn din il-qorti f'din il-procedura u mhux il-kawzali precedenti li fiha nnifisha ma tistax tigi kolpita bil-procedura odjerna;

24.3. Illi permezz tas-sentenza taghha fl-ismijiet ***Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Joseph Pace*** datata t-***23 ta' Gunju, 2005***, il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** irriteniet is-segwenti:

"F'dan il-kaz, ma hemm xejn irregolari fil-hrug tal-mandat, u l-ilment huwa dirett lejn l-esekuzzjoni tal-mandat mhux il-hrug tieghu. Jekk, kif qed jigi allegat, gew elevati oggetti li ma jappartjenux lid-debitur, dan ma jwassalx ghan-nullita` jew ghat-thassir tal-mandat, izda *se mai* ***ghar-revoka tal-esekuzzjoni tal-mandat in kwantu gew elevati l-oggetti in kwistjoni***", (emfasizzar ta' din il-qorti);

24.4. Illi in vista tal-premess:

24.4.1. L-eccezzjoni preliminari tal-intimati konjugi Cassar biex tigi respinta t-talba tar-rikorrenti fir-rigward tar-revoka tal-mandat *de quo*, ghandha tigi akkolta; filwaqt

24.4.2. Illi l-eccezzjoni preliminari sussegwenti tal-intimati konjugi Cassar rigwardanti it-talba tar-rikorrenti ghar-revoka tal-esekuzzjoni tal-mandat kawtelatorju in dizamina, ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

## C. In-nuqqas t'Interess Guridiku tar-Rikorrenti:

25. Illi f'dan ir-rigward terga ssir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** gia` riferita, (ara paragrafu numru erbgha u ghoxrin punt tlieta, (24.3.), aktar qabel), li f'dan ir-rigward tghid is-segwenti:

> "L-interess guridiku biex tigi promossa tali azzjoni jappartjeni lit-terz allegat proprjetarju u mhux lid-debitur. Fil-fatt, f'kaz li jigi allegat li oggetti elevati mhumiex tad-debitur izda ta' terzi, l-gurisprudenza trid illi:
>
> "1. il-kawza ssir mit-terz li qed jallega li l-oggetti elevati huma tieghu;
>
> "2. li l-kawza ssir kontra l-kreditur u d-debitur;
>
> "3. li l-kawza ssir ghar-revoka tal-esekuzzjoni tal-mandat in kwantu gew elevati l-oggetti tat-terzi"

26. Illi in vista tal-insenjament fuq riprodott jirrizulta pacifiku li la allura gie allegat li bil-mandat in dizamina gew elevati oggetti li allegatament huma proprjeta` tar-rikorrenti Michelle Muscat u mhux tad-debitur Noel Mifsud, allura l-istess rikorrenti Muscat ghandha d-dovut interess guridiku li tippromuovi l-azzjoni odjerna *stante* li kif stabbilit fis-sentenza pre-citata fil-paragrafu precedenti, tali azzjoni tappartjeni lit-terz allegat proprjetarju;

27. Illi ghalhekk din it-tielet eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati konjugi Cassar ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

## D. Il-Principju tan-*"Ne Bis in Idem"*:

28. Illi dan il-kap jirrigwarda sintetikament ir-rekwizit ***eadem causa petendi*** – senjatament, meta tigi kkonsidrat l-istess mertu fi proceduri differenti;

29. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Bank of Valletta p.l.c. vs. Adrian Caruana***, datata d-***29 ta' Lulju, 2015***, fejn il-***Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)*** stabbilit is-segwenti fir-rigward ta' dan ir-rekwizit partikolari fejn, filwaqt li rriferiet ghan-*Notes on Civil Law* tal-kompjant Professur Caruana Galizia, siltet is-segwenti mill-insenjamenti tieghu fir-rigward:

> "... li l-*causa petendi* hi *the title on which the demand is based*. Illi ghalhekk, dan huwa t-titlu, cioe`, l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Dan l-element jirrikjedi li *the cause of the claim* kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-*causa petendi* hi *the title on which the demand is based*. Illi ghalhekk sabiex il-kundizzjoni tal-*eadem causa petendi* tirnexxi, jrid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita` ta' motivi tal-*causa petendi*";

30.0. Illi tenut kont tal-insenjament kontenut fil-paragrafu precedenti jinghad li bejn il-procedura odjerna u dik tal-***Qorti tal-Magistrati (Malta)*** deciza fit-***23 t'April, 2015, fl-ismijiet Cassar et vs. Mifsud***, (ara foll 27):

30.1. La hemm identita` tal-oggett; u

30.2. Il-kwistjoni rilevata quddiem il-***Qorti tal-Magistrati (Malta)*** mhix il-kwistjoni mqajma fir-rikors guramentat promotur hawn in dizamina quddiem din il-qorti;

31. Illi fil-procedura ezaminata fil-***Qorti tal-Magistrati (Malta)*** in kwistjoni r-rikorrenti Michelle Muscat hemm talbet li l-qorti twaqqaf l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' qbid bin-numru 1943/2014 fl-ismijiet ***Cassar et vs. Mifsud***, u dan, taht il-kundizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

32. Illi permezz tal-procedura odjerna hawn in dizamina l-istess rikorrenti Michelle Muscat qed titlob li l-qorti odjerna tirrevoka l-mandat numru 1943/2014 u l-esekuzzjoni tal-istess;

33. Illi d-differenza procedurali bejn iz-zewg proceduri in dizamina tant tirrizulta palezi li anke l-istess abbli ***Qorti tal-Magistrati*** *de quo* enfasizzat fis-sentenza taghha li:

> "... it-talba tar-rikorrenti *se mai* kellha tkun ***ghar-revoka tal-istess esekuzzjoni tal-mandat*** in kwistjoni in kwantu gew elevati oggetti ta' terzi, ossia taghha, u mhux tad-debitur," (ara foll 30);

34. Illi fil-fatt, dak li gie hemm rilevat mill-qorti riferita fil-paragrafu precedenti, hu proprju li qieghed jigi ttentat fil-procedura odjerna;

35. Illi ghalhekk, il-proceduri in dizamina huma differenti minn xulxin;

36. Illi in vista tal-premess, anke din ir-raba` eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati konjugi Cassar ghandha tigi respinta;

**DECIDE:**

37. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati konjugi Cassar ma gewx ipprovati – bl-eccezzjoni biss tal-eccezzjoni preliminari taghhom rigwardanti t-talba tar-rikorrenti Muscat ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju in dizamina, li qeghda ghalhekk tigi akkolta;

38. Illi konsegwentement l-eccezzjonijiet preliminari l-ohra kollha sollevati mill-istess intimati konjugi Cassar qeghdin jigu respinti;

39. Illi l-ispejjez ta' din il-parti preliminari tal-procedura huma rizervati ghad-decizjoni finali fuq il-mertu – jekk ikun il-kaz;

40. Tirrizerva finalment li tappunta l-istess procedura ghall-kontinwazzjoni tas-smiegh tal-kawza fuq il-mertu wara li tikkonsulta fil-miftuh fir-rigward mal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**